**5 ta' Marzu, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Andrea Grixti et.

*versus*

Giuseppe Grixti et.

**Prova — Perizja — Art. 669 u 670(a) tal-Proċedura Ċivili.**

*Jekk ma jitħallasx l-onorarju tal-perit li jkun ġie adoperat mill-Qorti, il-Qorti tista' tiddeċidi l-kawża mingħajr il-perizja jew indipendentement mix-xhieda prodotti quddiem il-perit.*

*Iżda dan id-dispost tal-liġi hu potestattiv; fis-sens li l-eżerċizzju tiegħu huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti; jiġifieri*

***huwa mħolli fil-prudenti arbitriju tal-Qorti jekk tiddeċidix il-meritu fuq il-provi li jkun hemm indipendentement mill-perizja jew inkella tittronka sempliċement il-proċediment mingħajr ma tiddirimi l-kontroversja, partikolarment meta skond il-ġudizzju tat-tribunal jikkonkorru motivi suffiċjenti sabiex il-meritu jibqa' mpreġudikat, u hekk, minflok li tiddeċidi fuq il-meritu tal-kawża, tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.***

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi, peress li Felicita mart il-konvenut Giuseppe Grixti, u omm il-kontendenti l-oħra, mietet, fl-24 ta' Lulju 1945, mingħajr testment, u għalhekk l-atturi u l-konvenut Rokku Grixti huma msejħa għall-wirt tagħha; peress li l-instanti ma jridux jibgħu in komun, u jridu li dan il-wirt jiġi likwidat; wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, talbu li tiġi ordnata l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejn il-konvenut Giuseppe Grixti u martu Felicita Grixti, liema komunjoni ġiet xjolta bil-mewt ta' din; billi tiġi dikjarata tikkonsisti f'dawk il-beni u flus li jirriżultaw matul it-trattazzjoni tal-kawża; il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata tiġi maqsuma f'żewġ porzjonijiet indaqs, billi waħda tiġi assenjata lill-konvenut Giuseppe Grixti u l-oħra lill-kontendenti l-oħra f'porzjonijiet indaqs bejniethom; billi jiġi nominat nutar biex jirċievi l-att opportun u kuratur biex jirrappreżenta lill-kontumaċi. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi in forza tal-art. 669 tal-Kap. 15 din il-Qorti ordnat lill-atturi jiddepożitaw, fi żmien tmien tijiem mill-ewwel ta' Diċembru 1959, £9 għall-onorarju tal-perit legali — dak li sal-lum l-atturi ma għamlux;

Illi skond l-art. 670(a) tal-Kap. 15 il-Qorti tista' tiddeċidi l-kawża mingħajr il-perizja jew indipendentement

mix-xhieda prodotti quddiem l-istess perit, fil-każ li d-depożitu fuq imsemmi ma jkunx sar;

Illi d-dispost fuq imsemmi ġie ritenut mill-ġurisprudenza tagħna li huwa potestattiv; fis-sens li l-eżerċizzju tiegħu huwa mħolli fil-prudenti arbitriju tal-Qorti jekk it-tribunal jiddeċidix il-meritu fuq il-provi li hemm indipendentement mill-perizja jew fin-nuqqas tal-provi, jew inklelè li l-istess jittronka sempliċement il-proċediment mingħajr *ma jiddirimi l-kontroversja, partikolarment meta skond* il-ġudizzju tat-tribunal jikkonkorru motivi suffiċjenti sabiex il-meritu jibqa' mpreġudikat (ara Appell 29 ta' Mejju 1916, "Micallef vs. Gatt et.", Vol. XXIII-I-800);

Illi l-Qorti kif inhija presjeduta hija, fil-każ preżenti, ta' dan it-tieni avviż; l-għaliex minn dak li jeżisti fil-proċess il-provi huma defiċjenti, kif ukoll l-istimi;

Għalhekk;

Tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, a spejjeż tal-atturi.